Għawdex 400 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 196
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2011

# Il-Kontroll tal-Użin, tal-Kejl, u tal-Piżijiet

**Id-dokument numru mija sitta u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar il-kontroll tal-użin, tal-kejl, u tal-piżijiet użati minn tal-ħwienet. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 40r (NAG, UG, *Acta*, 3/1611–1612, 46r).**

Din hi t-traskrizzjoni tal-ewwel Bandu tas-sena 1611-1612:

*In primo, le Signorie loro come giurati ut supra ordinano et comandano che tutti quelli volino tenere pezi et misure in questa isola del Gozzo, tanto cittadini come forastieri, debbano fra termino di giorni otto da contare dal dì dela publicazione delle presenti ordinazione comparire inante li noi Manifico Thomaso Sant'Agatha et Gioseppi Barberi, catapani, in la potega di detto Sant'Agatha sito dentro questo Castello et lui far giostare da detti Signori catapani lor pezi et misuri come sonno tomoli, mondelli, cartucci, mezzi quartucci, quarti di cartucci, rotoli, mezzi rotoli, et quarti di rotoli, mizure d'ogli, canni, et mezzi canni et chi contrafacca, caschi in pena di pagare Tarì quindici, la mita all'Università del Gozzo, per il presente nostro mandato, comettamo a' voi Magnifico Marcello Burlò, Thisorero d'essa Università et l'altra mita a detti catapani.*



Is-sena amministrattiva tal-Università, kif ktibna iktar minn darba, kienet tibda fl-1 ta' Settembru. Għaldaqstant dan id-dokument hu l-ewwel wieħed mir-reġistru tas-sena amministrattiva 1611-1612. Il-manetta ta' kull sena tibda bil-lista ta' *Bandi* jew ordnijiet maħruġa mill-Università għal dik is-sena partikulari. Uħud kienu jkunu ripetizzjoni ta' dawk tas-sena ta' qabel, oħrajn kien ikun fihom regolamenti ġodda.

Il-*Bandu* li qegħdin nirriproduċu hu proprju l-ewwel wieħed ippubblikat f'Settembru 1611, erba' mit sena ilu. Il-ġurati li awtorizzaw il-ħruġ ta' dan u tal-Bandi l-oħra kienu Marcello Burlo, Salvo Refalo, u Pietro Gambino.

Dan il-Bandu partikulari hu indirizzat lil dawk kollha li kellhom fil-pussess tagħhom xi użin, kejl, jew piżijiet *tanto cittadini come forastieri*, kemm jekk kienu ċittadini ta' Għawdex, kemm jekk kienu barranin joqogħdu Għawdex. Fi żmien tmint ijiem mill-pubblikazzjoni tal-Bandu, dawn in-nies kellhom jieħdu l-użin, il-kejl, u l-piżijiet tagħhom fil-ħanut tal-Manifiku Tumas Sant'Agatha li kien jinsab ġewwa ċ-Ċittadella ta' Għawdex. Hemmhekk, l-imsemmi Tumas Sant'Agatha u Ġużeppi Barberi kellhom jikkontrollawhom u, jekk kien hemm bżonn, jirranġawhom.

Il-Bandu jkompli jsemmi numru minn dawn il-piżijiet. L-ewwel jissemmew dawk li kellhom x'jaqsmu mal-użin ta' ċereali bħalma huma d-dqiq, il-kafè, u ħwejjeġ oħra. Dawn kienu t-*tomna* (18.18 $dm^3$) u l-*mundell*; tomna fiha sitt mundelli.

Jissemmew, wara dawk użati għall-bejgħ tal-inbid u spirti oħra, *kartoċċ*, *nofs kartoċċ*, *kwart ta' kartoċċ*. Kartoċċ (1.14 litru) kien fih żewġ nfas; waqt li nofs, jiġifieri nofs kartoċċ, kien fih żewġ terzi. Dak li fil-Bandu jissejjaħ kwart ta' kartoċċ kien komunement magħruf bħala terz – kien jingħad ħafna terz inbid. Nofs terz kien jissejjaħ pinta .

Wara jissemmew l-użin komuni ta' Malta u Għawdex: *ratal*, *nofs ratal*, u *kwart ta' ratal*. Dawn l-aħħar tnejn huma magħrufa l-iktar bħala nofs artal u kwart. Ratal (0.79 kilo) għal ħames darbiet, ħamest artal, kien il-wiżna.

Ikompli bil-kejl taż-żejt u l-ħalib li ma jissemmewx b'isimhom proprju. Dawn kienu kwarta, kartoċċ, nofs, u terz. Kwarta (5.11 litru) kien fiha erba' krateċ, kartoċċ fih żewġ nfas, u nofs fih żewġ terzi. *Terz* (0.32 litru) jiġi eżatt daqs il-*cans* jew il-bottijiet tal-birra u l-minerali li għandna llum – iżda dak iż-żmien ma kienx kejl tal-birra.

Fl-aħħarnett jissemma l-kejl użat għad-drappijiet, ħbula, u oġġetti simili. Dawn kienu l-*canni* u l-*mezzi canni*; bil-Malti, *qasba* u *nofs qasba*. *Nofs qasba* ma kinitx tingħad min-nies, kienu jgħidu erbat ixbar. *Erbat ixbar* kienu bejn wieħed u ieħor metru, preċiżament metru u ħames ċentimetri (1.05 metru). Xiber kien kemm kemm iktar minn 26 ċentimetru.

Min kien jonqos li jitla' ċ-Ċittadella ħalli jikkontrollawlu l-użin, il-kejl, u l-piżijiet li kellu kien jeħel multa ta' ħmistax-il rbiegħi. Nofs il-multa kienet tmur għall-Università u n-nofs l-ieħor għall-katapani, dawk responsabbli mill-kontroll tal-ikel u l-prezzijiet